**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-4 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Nru : 537/2023JPG**
**Kawza Nru : 22**

**MA**
**u**
**JM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' MA u JM datat 10 t'Ottubru 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti żżewġu nhar it-tnax (10) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnax (2012), liema żwieġ ġie rreġistrat Malta u jġib in-numru tar-reġistrazzjoni 751(sebgħa ħamsa wieħed) tas-sena elfejn u erbatax (2014), u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';*

2. *Illi r-rikorrenti minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) b'kuntratt redatt min-Nuttar Dottor Sylvana Borg Caruana illi jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok B';*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom aktar minn sitt (6) xhur legalment mifrudin, ilhom separati de facto minn Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022);*

5. *Illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlobu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

i. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet datati 13 ta' Novembru 2023 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 27)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MA xehed** (vide affidavit fol 21) illi l-partijiet izzewgu nhar l-10 t'Ottubru 2012, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Novembru 2022 in atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin minn

Jannar 2022. Lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**JM xehdet** (vide fol 27 et seq) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 t'Ottubru 2012 fl-Egittu, liema zwieg gie registrat Malta permezz ta' certifikat numru 751/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Novembru 2022 in atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Cardona. Di piu' ghexu separati de facto sa minn Jannar 2022. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 751/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**